ISSN 1725-5104

**Ħarġa Speċjali ***
**4 ta' Frar 2006**

# Il-Ġurnal Uffiċjali
## ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

# Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

★ **Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE** [1] . . . . . 1

★ **Id-Deċiżjoni Nru 167/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 li tikkonċerna l-attivitajiet ta' ċerti pajjiżi terzi fil-qasam tan-navigazzjoni merkantili (Verżjoni kodifikata)** . . . . . 18

★ **Id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista ta' l-elettriku u ta' l-investiment fl-infrastruttura** [1] . . . . . 22

★ **Id-Direttiva 2005/90/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 li temenda, għad-disgħa u għoxrin darba, id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni — k/m/r)** [1] . . . . . 28

★ **Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (Verżjoni kodifikata)** [1] . . . . . 82

---

II *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

. . . . . .

---

**Rettifika**

★ **Corrigendum għar-Regolament (KE) Nru 2110/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-aċċess għall-għajnuna esterna tal-Komunità (ĠU L 344, 27.12.2005)** . . . . . 86

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**Prezz: 18 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**MT**

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 33

★ **Rettifika għad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005)** . . . . . . . . . . 87

★ **Rettifika għad-Direttiva 2005/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 li temenda għat-tnejn u għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (ftalati f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal) (ĠU L 344, 27.12.2005)** . . . . . . . . . . 88

MT

I

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# IR-REGOLAMENT (KE) Nru 166/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2006

## dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2])

Billi:

(1) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarja adottata b'Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) teħtieġ li jkun hemm appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni aċċessibli liċ-ċittadini fuq l-istat u t-tendenzi ta' l-ambjent f'dak li għandu x'jaqsam ma' tendenzi soċjali, ekonomiċi u ta' saħħa kif ukoll dwar iż-żieda ġenerali fil-kuxjenza ambjentali.

(2) Il-Konvenzjoni tal-UN-ECE dwar Aċċess għall-Informazzjoni, Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid ta' Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja f'Affarijiet Ambjentali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Aarhus"), iffirmata mill-Komunità Ewropea fil-25 ta' Ġunju 1998, tirrikonoxxi li ż-żieda ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u t-tixrid ta' tali informazzjoni jagħtu kontribut sabiex iqajjmu kuxjenza akbar dwar kwistjonijiet ambjentali, skambju liberu ta' ideat, parteċipazzjoni aktar effikaċi mill-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali u, eventwalment, għal ambjent aħjar.

(3) Reġistri dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "PRTR") huma mezz ekonomikament vijabli sabiex jitħeġġeġ titjib fl-eżekuzzjoni ambjentali, għall-għoti ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar rilaxx ta' inkwinanti u fuq it-trasferiment ta' inkwinanti u ta' skart barra mis-sit, u għall-użu ta' tendenzi fissekwenzi, li juru progress fit-tnaqqis ta' tniġġis, monitoraġġ ta' l-osservanza ta' ċerti ftehim internazzjonali, twaqqif ta' prijoritajiet u valutazzjoni tal-progress miksub permezz ta' politika u programmi Komunitarji jew nazzjonali dwar l-ambjent.

(4) PRTR integrat u koerenti jipprovdi lill-pubbliku, lill-industrija, lix-xjentisti, lill-kumpanniji ta' assigurazzjoni, lill-awtoritajiet lokali, lill-organizzazzjonijiet non-governattivi u lill-persuni oħra involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet, database solida bħala referenza għat-tqabbil u għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-ġejjieni dwar affarijiet ambjentali.

(5) Fil-21 ta' Mejju 2003 il-Komunità Ewropea iffirmat il-Protokoll tal-UN/ECE dwar ir-Reġistri għar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "Protokoll"). Id-disposizzjonijiet tal-liġi Komunitarja għandhom ikunu konsistenti ma' dak il-Protokoll bil-ħsieb tal-konklużjoni tiegħu mill-Komunità.

(6) Reġistru Ewropew dwar l-Emissjoni ta' Inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "EPER") ġie stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE ([4]). Il-Protokoll huwa mfassal fuq l-istess prinċipji bħal EPER, iżda jmur lill-hinn, billi jinkludi rapportar dwar aktar inkwinanti, aktar attivitajiet, rilaxxi fl-art, rilaxxi minn sorsi diffużi u trasferimenti il-barra mis-sit.

(7) L-għanijiet u s-skopijiet li jridu jitwettqu permezz ta' PRTR Ewropew jistgħu jinkisbu biss jekk id-data hija affidabbli u komparabbli. Armonizzazzjoni adegwata tas-sistema għall-ġbir ta' data u għat-trasferiment tagħha hija għalhekk meħtieġa sabiex tkun aċċertata l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data. Skond il-Protokoll il-PRTR Ewropew għandu jiġi mfassal sabiex ikun hemm l-aktar faċilità possibli għall-aċċess pubbliku permezz ta' l-internet. Rilaxxi u trasferimenti għandhom jkunu identifikati faċilment taħt forom aggregati u mhux aggregati differenti sabiex jinkiseb aċċess massimu ta' informazzjoni fi żmien raġonevoli.

([1]) Opinjoni tas-6 ta' April 2005 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2005 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2005.
([3]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 192, 28.7.2000, p. 36.

(8) Sabiex jiġi promoss aktar l-għan li jiġi appoġġat il-forniment ta' informazzjoni aċċessibbli liċ-ċittadini dwar l-istat u t-tendenzi ta' l-ambjent kif ukoll dwar it-tqajjim ġenerali ta' kuxjenza ambjentali, il-PRTR Ewropew għandu ikollu konnessjonijiet ma' databases oħra simili fi Stati Membri, Stati mhux Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(9) Skond il-Protokoll, il-PRTR Ewropew għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar operazzjonijiet speċifiċi għarrimi ta' l-iskart, sabiex ikunu rrappurtati bħala rilaxxi fl-art; operazzjonijiet ta' rkupru bħat-tifrix ta' ħama u ta' demel ma humiex rappurtati taħt din il-kategorija.

(10) Sabiex jinkiseb l-għan tal-PRTR Ewropew li tingħata informazzjoni li tista' toqgħod fuqha lill-pubbliku u sabiex ikun possibli li jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq tagħrif miksub, huwa neċessarju li jingħataw skadenzi raġjonevoli imma stretti għall-ġbir ta' data u għal rappurtar; dan huwa partikolarment rilevanti għar-rappurtar li jsir mill-Istati Membri lill-Kummisjoni.

(11) Ir-rappurtar dwar rilaxxi minn faċilitajiet industrijali, għalkemm għadu mhuwiex dejjem konsistenti, komplet, u komparabbli, huwa proċedura stabbilita sew f'bosta Stati Membri. Fejn ikun xieraq, ir-rappurtar ta' rilaxxi minn sorsi diffużi għandu jittejjeb sabiex iħeġġeġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex iqiegħdu f'kuntest aħjar dawk ir-rilaxxi u jagħżlu l-aktar soluzzjoni effikaċi għat-tnaqqis ta' tniġġis.

(12) Data rappurtata minn Stati Membri għandha tkun ta' kwalità għolja b'mod partikolari fir-rigward tal-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibilità tagħha. Hija ta' importanza ewlenija li jkunu koordinati l-isforzi futuri ta' l-operaturi u l-Istati Membri sabiex ikun hemm titjib fil-kwalità tad-data rrapurtata. Għalhekk il-Kummissjoni ser tibda xogħol, flimkien ma' l-Istati Membri, fuq assigurazzjoni tal-kwalità.

(13) Skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-pubbliku għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni li jinsab fil-PRTR Ewropew mingħajr ma jiġi spjegat ebda interess, primarjament billi jkun aċċertat li l-PRTR Ewropew jkun aċċessibbli elettronikament b'mod dirett permezz ta' l-Internet.

(14) Aċċess għall-informazzjoni mill-PRTR Ewropew m'għandux ikun ristrett u eċċezzjonijiet minn tali regola għandhom ikunu possibbli biss jekk jidher b'mod ċar li ġew mogħtija minn leġislazzjoni eżistenti tal-Komunità.

(15) Skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus, parteċipazzjoni pubblika għandha tkun assigurata permezz ta' żviluppi ulterjuri tal-PRTR Ewropew billi jkun hemm opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jiġu preżentati kummenti, informazzjoni, analiżi jew opinjonijiet relevanti għal proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Applikanti għandhom ikunu jistgħu jfittxu reviżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja ta' l-atti jew ommissjonijiet ta' awtorità pubblika f'dak li għandu x'jaqsam ma' rikjesta.

(16) Sabiex ikun hemm żieda fl-utilità u l-impatt tal-PRTR Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-izvilupp ta' gwida li tappoġġja l-implementazzjoni tal-PRTR Ewropew, fil-promozzjoni ta' kuxjenza fost il-pubbliku u fil-forniment xieraq u f'waqtu ta' assistenza teknika.

(17) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([1]).

(18) Minħabba li l-għan ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li jittejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali permezz tal-ħolqien ta' database eletroniku integrat, koerenti u mifrux mal-Komunità kollha, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, minħabba li l-ħtieġa għal data komparabbli fl-Istati Membri kollha jitlob livell għoli ta' armonizzazzjoni, u b'hekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità hekk kif stabbilit f' dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(19) Sabiex ir-rekwiżiti għar-rappurtar jiġu simplifikati u jsiru aktar effiċjenti d-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż ([2]) u d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar prevenzjoni u kontroll ([3]) integrati ta' tniġġis għandhom jiġu emendati.

(20) Il-PRTR Ewrop0ew għandu l-għanijiet, fost affarijiet oħrajn, li jinforma l-pubbliku dwar emissjonijiet ta' inkwinanti importanti dovuti, b'mod partikolari, għal attivitajiet koperti mid-Direttiva 96/61/KE. Għaldaqstant, skond dan ir-Regolament, għandha tingħata informazzjoni lill-pubbliku dwar emissjonijiet minn installazzjonijiet koperti mill-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(21) Sabiex jitnaqqas rappurtar doppju, skond il-Protokoll, is-sistemi ta' reġistri għar-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti jistgħu jiġu integrati sa grad prattikabbli ma' sorsi eżistenti ta' informazzjoni bħal mekkaniżmi ta' rappurtar taħt liċenzji jew permessi ta' tħaddim. Skond il-Protokoll, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' l-Istati Membri li jżommu jew li jintroduċu reġistru għar-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti li jkun iktar estensiv jew iktar aċċessibbli għall-pubbliku minn dak li hu meħtieġ mill-Protokoll,

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/31/KE (ĠU L 168, 2.7.1994, p. 28).
([3]) ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi reġistru integrat dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti fuq livell Komunitarju (minn hawn 'il quddiem "il-PRTR Ewropew") taħt forma ta' database eletroniku li huwa aċċessibbli mill-pubbliku u li jistabbilixxi regoli għall-funzjoni tiegħu, sabiex issir implementazzjoni tal-Protokoll UN-ECE dwar Reġistri għar-Rilaxx u Trasferiment ta' inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") u sabiex jiffaċilita parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċizjonijiet dwar l-ambjent, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għal prevenzjoni u t-tnaqqis ta' tniġġis ta' l-ambjent.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "il-pubbliku" jfisser waħda jew aktar persuna fiżika jew ġuridika, u, skond il-leġislazzjoni nazzjonali jew il-prattika, l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom;

2) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali, jew kwalunkwe korp jew korpi kompetenti, maħtura mill-Istati Membri;

3) "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja fejn attività waħda jew aktar elenkati fl-Anness I jitwettqu, u kwalunkwe attivitajiet oħra li huma direttament assoċjati li għandhom konnessjoni teknika ma' l-attivitajiet imwettqa f'dak is-sit u li jista' jkollhom effett fuq emissjonijiet u tniġġis;

4) "faċilità" tfisser installazzjoni waħda jew aktar fuq l-istess sit li huma operati mill-istess persuna fiżika jew ġuridika;

5) "sit" tfisser il-post ġeografiku fejn tinsab il-faċilità;

6) "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla l-faċilità jew, fejn dan huwa provdut fil-leġislazzjoni nazzjonali, lil min ġiet delegata setgħa ekonomika deċisiva fuq il-funzjonament tekniku tal-faċilità;

7) "sena ta' rappurtar" tfisser is-sena kalendarja li fiha jrid isir il-ġbir ta' data dwar rilaxxi ta' inkwinanti u ta' trasferimenti 'l barra mis-sit;

8) "sustanza" tfisser kwalunkwe element kimiku u l-komposti tiegħu, ħlief sustanzi radjuattivi;

9) "inkwinant" tfisser sustanza jew grupp ta' sustanzi li jistà jkun ta' periklu għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-proprjetajiet tiegħu u l-introduzzjoni tiegħu fl-ambjent;

10) "Rilaxx" tfisser kwalunkwe introduzzjoni ta' inkwinanti fl-ambjent bħala riżultat ta' kwalunkwe attività tal-bniedem, kemm jekk deliberata jew aċċidentali, ta' rutina jew mhux ta' rutina, inkluż tixrid, emissjoni, ħruġ, injezzjoni, rimi jew ħatt, jew permezz ta' sistemi ta' dranaġġ mingħajr tisfija finali tad-dranaġġ;

11) "trasferiment 'l barra mis-sit" tfisser il-moviment lill-hinn mill-fruntieri ta' faċilità ta' skart destinat għall-irkupru jew għar-rimi u għall-inkwinanti f'ilma ta' dranaġġ destinat għat-tisfija tad-dranaġġ;

12) "sorsi diffużi" tfisser il-ħafna sorsi iżgħar jew mifruxa li minnhom jistà jkun hemm rilaxx ta' inkwinanti fl-art, fl-arja jew fl-ilma, li l-impatt magħqud tagħhom fuq dawk il-mezzi jistgħu jkunu sinifikattivi u li għalihom mhux prattiku li jinġabru rapporti għal kwalunkwe sors individwali;

13) "skart" tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett kif definit fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar skart ([1]);

14) "skart perikoluż" tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett kif definit fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 91/689/KEE;

15) "ilma ta' dranaġġ" tfisser ilma ta' dranaġġ li ġej minn sorsi urbani, domestiċi jew industrijali, kif definit fl-Artikolu 2 (1), (2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-tisfija ta' l-ilma ta' dranaġġ urban ([2]), u kwalunkwe ilma użat ieħor li huwa soġġett għar-regolamentazzjoni mill-liġi Komunitarja minħabba s-sustanzi jew oġġetti li fih;

16) "rimi" tfisser kwalunkwe operazzjoni disposta f'Annes IIA tad-Direttiva 75/442/KEE;

17) "irkupru" tfisser kwalunkwe operazzjoni disposta f'Annes IIB tad-Direttiva 75/442/KEE.

*Artikolu 3*

**Kontenut tal-PRTR Ewropew**

Il-PRTR Ewropew ser jinkludi informazzjoni dwar:

(a) rilaxxi ta' inkwinanti imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a) li għandhom jiġu rappurtati mill-operaturi tal-faċilitajiet li qegħdin iwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I;

(1) ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(2) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(b) trasferimenti ’l barra mis-sit ta’ skart imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b) u ta’ inkwinanti f’ilma ta’ dranaġġ imsemmi fl-Artikolu 5(1)(ċ), li għandu jiġi rrapurtat mill-operaturi tal-faċilitajiet fejn qed jitwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I;

(ċ) rilaxxi ta’ inkwinanti minn sorsi diffużi imsemmija fl-Artikolu 8(1), fejn disponibbli.

*Artikolu 4*

**Disinn u Struttura**

1. Il-Kummissjoni ser tippubblika l-PRTR Ewropew, u b’hekk tippreżenta id-data f’forom kemm aggregati kif ukoll mhux aggregati, sabiex rilaxxi u trasferimenti jistgħu jiġu mfittxija u identifikati permezz ta’:

(a) faċilità, inkluża l-facilità tal-kumpanija prinċipali fejn japplika, u s-sit ġeografiku tagħha, inkluż il-baċir tax-xmara;

(b) attività;

(ċ) okkorrenza fuq livell ta’ l-Istati Membri jew Komunitarju;

(d) inkwinant jew skart, kif xieraq;

(e) kull mezz ambjentali (l-arja, l-ilma, l-art) li fih sar ir-rilaxx ta’ l-inkwinant;

(f) trasferimenti ‘l barra mis-sit u d-destinazzjoni tagħhom, kif xieraq;

(ġ) trasferimenti ‘l barra mis-sit ta’ inkwinanti fl-ilma ta’ dranaġġ;

(h) sorsi diffużi;

(i) sid jew operatur ta’ faċilita’.

2. Il-PRTR Ewropew għandu jkun imfassal sabiex l-aċċess pubbliku jkun l-iktar komdu possibbli sabiex l-informazzjoni, taħt kundizzjonijiet operattivi normali, tkun kontinwament u immedjatament aċċessibbli fl-internet u permezz ta’ mezzi elettroniċi oħra. It-tfassil tiegħu għandu jieħu in konsiderazzjoni l-possibbiltà l-espansjoni tiegħu fil-ġejjieni u għandu jinkludi kull data li ġiet rapurtata fis-snin preċedenti ta’ rappurtar, sa mill-inqas l-aħħar għaxar snin preċedenti ta’ rappurtar.

3. Il-PRTR Ewropew ser jinkludi konnessjonijiet ma’:

(a) Il-PRTR nazzjonali ta’ l-Istati Membri;

(b) databases attwali oħra li huma rilevanti, aċċessibbli mill-pubbliku dwar affarijiet relatati mal-PRTR, li jinkludu PRTR nazzjonali ta’ Partijiet oħra tal-Protokoll u, fejn jista’ jsir, għal dawk ta’ pajjiżi oħra;

(ċ) websites tal-faċilitajiet jekk dawn jeżistu u jekk il-konnessjonijiet huma mogħtija b’mod volontarju mill-faċilitajiet.

*Artikolu 5*

**Rappurtar mill-Operaturi**

1. L-operatur ta’ faċilità li jieħu f’idejh attività waħda jew iktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I aktar mil-limiti ta’ kapaċità applikabbli kif speċifikati fl-istess Anness għandu jirraporta lill-awtorità kompetenti tiegħu l-ammont annwali, flimkien ma’ indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni hijiex imfassla fuq kejl, kalkolu jew stima, ta’ dan li ġej:

(a) rilaxxi fl-arja, fl-ilma, jew fl-art ta’ kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II li għalihom il-limitu applikabbli speċifikat fl-Anness II ġie maqbuż;

(b) trasferimenti ’l barra mis-sit ta’ skart perikoluż ta’ piż ogħla minn żewġ tunnellati fis-sena jew ta’ skart mhux perikoluż li l-piż tiegħu hu ogħla minn 2 000 tunnellata fis-sena, għal kwalunkwe operazzjonijiet ta’ rkupru jew rimi bl-eċċezzjoni ta’ l-operazzjonijiet ta’ rimi ta’ trattament ta’ l-art u ta’ injezzjoni fil-fond kif imsemmi fl-Artikolu 6, b’indikazzjonijiet bl-ittri “R” jew “D” rispettivament jekk l-iskart huwa destinat għall-irkupru jew għar-rimi u, għal movimenti li jaqsmu l-fruntieri ta’ skart perikoluż, l-isem u indirizz ta’ min ser jirkupra jew min ser jarmi l-iskart u s-sit effettiv ta’ fejn ser isir il-proċess ta’ l-irkupru jew tar-rimi;

(ċ) trasferimenti ’l barra mis-sit ta’ kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II f’ilma tad-dranaġġ li huwa destinat għat-tisfija ta’ ilma ta’ dranaġġ li għalih il-limitu speċifikat fl-Anness II, taħt kolonna 1b ġie maqbuż.

L-operatur ta’ kull faċilità li jieħu f’idejh waħda jew iktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I ’il fuq mil-limitu ta’ kapaċità applikabbli speċifikat fl-istess Anness għandu jagħti lill-awtorità kompetenti tiegħu l-informazzjoni li tidentifika l-faċilità skond l-Anness III sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli lill-awtorità kompetenti.

Fil-każ ta’ data indikata bħala bbażata fuq kejl jew kalkoli l-metodu analitiku u/jew il-metodu ta’ kalkolu għandhom jiġu rrapurtati.

Ir-rilaxxi imsemmija fl-Anness II rappurtati skond il-punt (a) ta’ dan il-paragrafu għandu jinkludi r-rilaxxi kollha mis-sorsi kollha mdaħħla fl-Anness I fis-sit tal-faċilità.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ser tinkludi informazzjoni dwar rilaxxi u trasferimenti li jirriżultaw bħala total ta’ kull attività magħmula deliberatament, aċċidentalment, bħala rutina u mhux bħala rutina.

Meta jipprovdu din l-informazzjoni l-operaturi għandhom jispeċifikaw kwalunkwe data li tkun marbuta ma' rilaxxi aċċidentali, meta din tkun disponibbli.

3. L-operatur ta' kull faċilità għandu jiġbor bi frekwenza xierqa l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi determinat liema mir-rilaxxi mill-faċilità u mit-trasferimenti 'il barra mis-sit huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapurtar taħt paragrafu 1.

4. Meta jiġi preparat ir-rapport, l-operatur ikkonċernat għandu jagħmel użu mill-aħjar informazzjoni disponibbli, li jista' tinkludi data minn monitoraġġ, fatturi ta' emissjoni, ekwazzjonijiet ta' bilanċ ta' massa, monitoraġġ indirett jew kalkoli oħra, ġudizzji ta' inġinerija u metodi oħra skond l-Artikolu 9(1) u skond metodoloġiji approvati internazzjonalment, fejn dawn huma disponibbli.

5. L-operatur ta' kull faċilità kkonċernata għandu jżomm għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri r-reġistri tad-data li minnha ġiet l-informazzjoni rappurtata għal żmien ta' ħames snin, li jibdew mit-tmiem tas-sena ta' rappurtar ikkonċernata. Dawn ir-reġistri għandhom jispjegaw ukoll il-metodoloġija li ġiet użata għall-ġbir ta' data.

*Artikolu 6*

**Rilaxxi fl-art**

Skart li huwa soġġett għal operazzjonijiet ta' rimi ta' "trattament ta' l-art" jew "injezzjoni fil-fond", kif speċifikat fl-Anness II A tad-Direttiva 75/442/KEE, għandu jiġi rapurtat bħala rilaxx fl-art biss mill-operatur tal-faċilità li joħloq l-iskart.

*Artikolu 7*

**Rappurtar mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, b' kunsiderazzjoni meħuda għar-rekwiżiti imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, data sa meta l-operaturi ser ikollhom jipprovdu kull data msemmija fl-Artikoli 5(1) u (2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), (4) u (5) lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data kollha msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) lill-Kummissjoni permezz ta' trasferiment elettroniku skond il-format mogħti fl-Anness III u skond l-iskadenzi li ġejjin:

(a) għall-ewwel sena ta' rappurtar, sa tmintax-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' rappurtar;

(b) għas-snin kollha ta' rappurtar wara dan, sa ħmistax-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' rappurtar.

L-ewwel sena ta' rappurtar ser tkun is-sena 2007.

3. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkorpora l-informazzjoni rappurtata mill-Istati Membri fil-PRTR Ewropew skond l-iskadenzi li ġejjin:

(a) għall-ewwel sena ta' rappurtar, sa 21 xahar mit-tmiem tas-sena ta' rappurtar;

(b) għas-snin ta' rappurtar wara dan, sa 16-il xahar wara t-tmiem tas-sena ta' rappurtar.

*Artikolu 8*

**Rilaxxi minn Sorsi Diffużi**

1. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkludi fil-PRTR Ewropew informazzjoni dwar rilaxxi minn sorsi diffużi fejn tali informazzjoni teżisti u tkun diġà ġiet rapurtata mill-Istati Membri.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ser tiġi organizzata b'tali mod sabiex l-utenti jkunu jistgħu jfittxu u jidentifikaw ir-rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi skond desaggregazzjoni ġeografika adegwata u ser tinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' metodoloġija użata sabiex tinkiseb l-informazzjoni.

3. Fejn il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li ma teżisti ebda data dwar rilaxxi minn sorsi diffużi, għandha tieħu miżuri sabiex jinbeda rappurtar dwar rilaxxi ta' inkwinanti relevanti minn sors diffuż wieħed jew aktar skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2), bl-użu ta' metodoloġiji approvati internazzjonalment fejn xieraq.

*Artikolu 9*

**Assigurazzjoni ta' Kwalità u Valutazzjoni**

1. L-operatur ta' kull faċilità soġġett għar-rekwiżiti ta' rappurtar imsemmija fl-Artikolu 5 għandu jassigura l-kwalità ta' l-informazzjoni li jirraporta.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data provduta mill-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar il-kompletezza, konsistenza u kredibilità tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina xogħol ta' assigurazzjoni ta' kwalità u ta' valutazzjoni ta' kwalità b'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19(1).

4. Il-Kummissjoni tista' taddotta linji gwida għall-monitoraġġ u l-irrappurtar ta' emissjonijiet skond il-proċedura msemmija fi Artikolu 19(2). Dawn il-linji gwida għandhom ikunu bi qbil ma' metodoloġiji approvati internazzjonalment, fejn xieraq, u għandhom ikunu konsistenti ma' leġislazzjoni Komunitarja oħra.

*Artikolu 10*

**Aċċess *għall*-informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ser tagħmel il-PRTR Ewropew aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' disseminazzjoni mingħajr ħlas fuq l-Internet skond il-qafas ta' żmien dispost fl-Artikolu 7(3).

2. Fejn l-informazzjoni li tinstab fil-PRTR Ewropew mhix faċilment aċċessibli għall-pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi diretti, l-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni għandhom jiffaċilitaw l-aċċess elettroniku għall-PRTR Ewropew f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 11*

**Kunfidenzjalità**

Kull meta l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali minn Stat Membru skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambjentali ([1]), l-Istat Membru għandu, fir-rapport tiegħu skond l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena ta' rappurtar konċernata, jindika separatament għal kull faċilità li titlob kunfidenzjalità liema tip ta' informazzjoni ġiet miżmuma u r-raġuni għaliex inżammet.

*Artikolu 12*

**Parteċipazzjoni Pubblika**

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-pubbliku b'opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jieħu sehem fl-iżvilupp ulterjuri tal-PRTR Ewropew, inkluż bini tal-kapaċità u l-preparazzjoni ta' emendi lil dan ir-Regolament.

2. Il-pubbliku ser ikollu l-opportunità li jippreżenta kwalunkwe kumment, informazzjoni, analiżi jew opinjonijiet li huma relevanti f'qafas ta' żmien raġonevoli.

3. Il-Kummissjoni ser tieħu kont xieraq ta' tali input u ser tinforma lill-pubbliku dwar ir-riżultat tal-parteċipazzjoni pubblika.

*Artikolu 13*

**Aċċess għall-Ġustizzja**

Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet relatati ma' l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali ser jkun żgurat skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE u, fejn jikkonċerna l-istituzzjonijiet tal-Komunità, skond l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([2]).

*Artikolu 14*

**Dokument ta' Gwida**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa dokument ta' gwida li jservi ta' appoġġ għall-implementazzjoni tal-PRTR Ewropew milliktar fis possibbli imma mhux aktar tard minn erba' xhur qabel il-bidu ta' l-ewwel sena ta' rappurtar u f'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19(1).

2. Id-dokument ta' gwida għall-implementazzjoni tal-PRTR Ewropew ser jindirizza b'mod partikolari dettalji dwar dan li ġej:

(a) proċeduri ta' rappurtar;

(b) id-data li għandha tiġi rappurtata;

(ċ) assigurazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità;

(d) indikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni miżmuma u r-raġuni għaliex ġiet miżmuma fil-każ ta' data kunfidenzjali;

(e) referenza għal metodi ta' determinazzjoni u analitiċi dwar rilaxx approvat internazzjonalment, metodoloġiji ta' ġbir ta' kampjuni;

(f) indikazzjoni tal-kumpanniji prinċipali;

(ġ) kodifikazzjoni ta' attivitajiet skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 96/61/KE.

*Artikolu 15*

**Tqajjim ta' Kuxjenza**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri sejrin jippromwovu kuxjenza pubblika dwar il-PRTR Ewropew u sejrin jassiguraw li tingħata assistenza għall-aċċess għal PRTR Ewropew u sabiex tiftiehem u tintuża l-informazzjoni li hemm fih.

*Artikolu 16*

**Informazzjoni addizzjonali li trid tiġi rappurtata mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom, f'rapport wieħed ibbażat fuq informazzjoni minn l-aħħar tliet snin ta' rappurtar li jridu jiġu preżentati kull tliet snin flimkien mad-data provduta skond l-Artikolu 7, jinformaw lill-Kummissjoni dwar prattiki u miżuri meħuda dwar dan li ġej:

(a) rekwiżiti skond l-Artikolu 5;

(b) assigurazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità skond l-Artikolu 9;

(ċ) aċċess għall-informazzjoni skond l-Artikolu 10(2);

(d) attivitajiet li jqajjmu kuxjenza skond l-Artikolu 15;

(e) kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni skond l-Artikolu 11;

(f) penali stabbiliti skond l-Artikolu 20 u esperjenzi mill-applikazzjoni tagħhom.

[1] ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.
[2] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal kwestjonarju, li għandu jkun adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 19(2) sabiex tiffaċilita r-rappurtar mill-Istati Membri imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 17*

**Reviżjoni mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri skond l-Artikolu 7 u wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri għandha tippubblika rapport kull tliet snin ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli mill-aħħar tliet snin ta' rappurtar, sitt xhur wara l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni permezz ta' l-internet.

2. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' valutazzjoni ta' l-operazzjoni tal-PRTR Ewropew.

*Artikolu 18*

**Emendi lill-Annessi**

Kwalunkwe emenda meħtieġa għall-adattament ta':

(a) L-Annessi II jew III ta' dan ir-Regolament mal-progress xjentifiku u tekniku,

jew

(b) L-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament bħala riżultat ta' l-adozzjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet mal-Protokoll ta' kwalunkwe emenda lill-Annessi tal-Protokoll,

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2).

*Artikolu 19*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 20*

**Penali**

1. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtiega sabiex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-disposizzjonijiet sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 21*

**Emendi għad-Direttivi 91/689/KEE u 96/61/KE**

1. L-artikolu 8(3) tad-Direttiva 91/689/KEE ser jiġi mħassar.

2. L-artikolu 15(3) tad-Direttiva 96/61/KE ser jiġi mħassar.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, nhar it-18 ta' Jannar 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | H. WINKLER |

*ANNESS I*

**Attivitajiet**

| Nru | Attività: | Limitu ta' Kapaċità |
|---|---|---|
| 1. | Is-Settur ta' l-Enerġija | |
| (a) | Raffineriji ta' żjut minerali u gassijiet | * (1) |
| (b) | Installazzjonijiet għall-gassifikazzjoni u likwefazzjoni | * |
| (ċ) | Power stations termali u installazzjonijiet oħra ta' kombustjoni | Bi dħul enerġetiku ta' sħana ta' 50 megawatt (MW) |
| (d) | Fran tal-kokk | * |
| (e) | Mtieħen li jdawru l-faħam | B'kapaċità ta' tunnellata fis-siegħa |
| (f) | Installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti tal-faħam u fjuwil solidu li ma jdaħħanx | * |
| 2. | Produzzjoni u proċessar ta' metalli | |
| (a) | Installazzjonijiet ta' metalli mhux maħduma (inklużi metalli mhux maħduma taħt forma ta' sulfidi) għax-xiwi jew tagħqid bis-sħana | * |
| (b) | Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħadid jew azzar mhux pur (taħlil primarju jew sekondarju) inkluż l-iffurmar kontinwu | B'kapaċità ta' 2,5 tunnellata fis-siegħa |
| (ċ) | Installazzjonijiet għall-ipproċessar ta' metalli li għandhom proprjetajiet kimiċi bħal tal-ħadid: | |
| | (i) Mtieħen li jduru fis-sħana | B'kapaċità ta' 20 tunnellata fis-siegħa ta' azzar mhux proċessat |
| | (ii) Ferreriji li jaħdmu bil-mazez | B'enerġija ta' 50 kiljoule għal kull mazza, fejn l-enerġija kalorifika użata teċċedi l-20 MW |
| | (iii) Applikazzjoni ta' kisja protettiva bil-metall imdewweb | Bi dħul ta' 2 tunnellati fis-siegħa ta' azzar mhux ipproċessat |
| (d) | Ferreriji ta' metalli li għandhom proprjetajiet kimiċi bħal tal-ħadid | B'kapaċità produttiva ta' 20 tunnellata fil-ġurnata |
| (e) | Installazzjonijiet: | |
| | (i) Għall-produzzjoni ta' metalli mhux ipproċessati li m'għandhomx proprjetajiet bħal tal-ħadid minn metall mhux maħdum, konċentrati jew materjali li mhux maħduma sekondarji permezz ta' proċeduri metallurġiċi, kimiċi jew elettrolitiċi | * |
| | (ii) Għat-tidwib, inkluż l-illigar, ta' metalli li m'għandhomx proprjetajiet bħal tal-ħadid, inklużi rkuprati (raffinar, iffurmar bil-forġa, eċċ.) | B'kapaċità ta' tidwib ta' 4 tunnellati fil-ġurnata għaċ-ċomb u l-kadmium jew 20 tunnellata kull ġurnata għall-metalli l-oħra kollha |
| (f) | Installazzjonijiet għat-trattament tas-superfiċi ta' metalli u materjali ta' plastik permezz ta' proċess ta' elettrolizi jew kimiku | Fejn il-volum tat-tankijiet fejn isir it-trattament huwa ta' 30 $m^3$ |
| 3. | Industrija Minerali | |
| (a) | Operazzjonijiet ta' xogħol f'minjieri taħt l-art u operazzjonijiet relatati | * |
| (b) | Proċess ta' tneħħija tas-saffi tal-wiċċ ta' minjieri u xogħol fil-barriera | Fejn is-superfice ta' l-erja li effettivament qed tiġi mħaffra hija ta' 25 ettaru |
| (ċ) | Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' | |
| | (i) Gagazza tal-konkos f'kalkarijiet rotatorji | B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 500 tunnellata kuljum |
| | (ii) Ġir f'kalkarijiet rotatorji | B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 50 tunnellata kuljum |
| | (iii) Gagazza tal-konkos jew ġir fi fran oħra | B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 50 tunnellata kuljum |
| (d) | Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' asbestos u l-manifattura ta' prodotti bbażati fuq l-asbestos | * |

| Nru | Attività: | Limitu ta' Kapaċità |
|---|---|---|
| (e) | Installazzjonijiet għall-manifattura ta' ħġieġ, inkluża fibra tal-ħġieġ | B'kapaċità ta' tidwib ta' 20 tunnellata kuljum |
| (f) | Installazzjonijiet għat-tidwib ta' sustanzi minerali, inkluża l-produzzjoni ta' fibra tal-ħġieġ | B'kapaċità ta' tidwib ta' 20 tunnellata kuljum |
| (ġ) | Installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz ta' ħami, b'mod partikolari madum tas-soqfa, briks, briks refrattorji, madum, prodotti tal-ġebel jew porċellana | B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 75 tunnellata kuljum, jew b'kapaċità ta' kalkara ta' 4 $m^3$ u b'densità ta' tagħqid għal kull kalkara ta' 300kg/$m^3$ |
| 4. | Industrija tal-Kimika | |
| (a) | Installazzjonijiet Kimiċi għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' kimiċi organiċi bażiċi, bħalma huma:<br>(i) idrokarbonijiet sempliċi (linejari jew ċikliċi, saturati jew mhux saturati, alifatiċi jew aromatiċi)<br>(ii) idrokarbonijiet li fihom l-ossiġenu bħall-alkoħolijiet, aldeħidi, ketonijiet, aċidi karboxiliċi, esteri, aċetati, eteri, perossidi, epoxi reżini<br>(iii) idrokarbonijiet Sulferużi<br>(iv) idrokarbonijiet Nitroġeniċi bħall-amini, amidi, komposti nitrużi, komposti nitro jew nitrati, nitrili, ċjanati, isoċjanati<br>(v) idrokarbonijiet li fihom il-fosfru<br>(vi) idrokarbonijiet ħaloġeniċi<br>(vii) komposti organometalliċi<br>(viii) materjali bażiċi tal-plastik (polimeri, fibri sintetiċi u fibri li huma bbażati fuq iċ-ċelluloża)<br>(ix) lastki sintetiċi<br>(x) kuluranti u pigmenti<br>(xi) aġenti li huma attivi fuq il-wiċċ tagħhom u sustanzi li jnaqqsu s-*surface tension* | * |
| (b) | Installazzjonijiet Kimici għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' kimiċi inorganiċi bażiċi, bħalma huma:<br>(i) Gassijiet, bħalma huma l-ammonja, kloru jew idrokloru, fluworu jew idrofluworu, ossidi tal-karbon, komposti tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, idroġenu, dijossidu tal-kubrit, karbonil kloridu<br>(ii) Aċidi, bħalma huma l-aċidu kromiku, aċidu idrofluworiku, aċidu fosforiku, aċidu nitriku, aċidu idrokloriku, aċidu sulforiku, oleum, aċidi sulferuż<br>(iii) Bażi, bħalma huma l-ammonju idrossidu, il-potassju idrossidu, is-sodju idrossidu<br>(iv) Melħ, bħalma huma amonja klorika, potassju klorat, karbonat tal-potassju, karbonat tas-sodju, perborat, nitrat tal-fidda<br>(v) Sustanzi mhux metalliċi, ossidi tal-metall jew komposti inorganiċi oħra bħalma huma l-karbidu tal-kalċju, silicon, karbidu tas-silikon | * |

| Nru | Attività: | Limitu ta' Kapaċità |
|---|---|---|
| (ċ) | Installazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' fertilizzanti bbażati fuq il-fosfru, nitroġenu jew potassju (fertilizzanti sempliċi jew komposti) | * |
| (d) | Installazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni ta' prodotti bażiċi għas-saħħa tal-pjanti u bijoċidi fuq skala industrijali | * |
| (e) | Installazzjonijiet li jużaw proċess kimiku jew bijoloġiku għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi | * |
| (f) | Installazzjonijiet għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' splussivi u prodotti pirotekniċi | * |
| 5. | Maniġġjar ta' skart u ilma ta' dranaġġ | |
| (a) | Installazzjonijiet għall-irkuprar jew ir-rimi ta' skart perikoluż | Jirċievu 10 tunnellati kuljum |
| (b) | Installazzjonijiet għall-inċenerizzazzjoni ta' skart mhux perikoluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħruq ta' skart ([2]) | B'kapaċità ta' 3 tunnellati fis-siegħa |
| (ċ) | Installazzjonijiet għar-rimi ta' skart mhux perikoluż | B'kapaċità ta' 50 tunnellata kuljum |
| (d) | Landfills (ħlief landfills ta' skart inerti u landfills li ġew magħluqa definittivament qabel is-16.7.2001 jew li għalihom il-fażi ta' azzjonijiet wara li ngħalqu meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-landfill ta' skart ([3]) tkun skadiet) | Jirċievu 10 tunnellati kuljum jew b'kapaċità ta' 25 000 tunnellata |
| (e) | Installazzjonijet għar-rimi jew riċiklaġġ ta' karkassi ta' annimali jew skart minn annimali | B'kapaċità ta' 10 tunnellati kuljum |
| (f) | Impjanti ta' trattament ta' ilma ta' dranaġġ urban | B'kapaċità ta' 100 000 ta' ekwivalenzi mal-popolazzjoni |
| (ġ) | Impjanti ta' trattament ta' ilma ta' dranaġġ industrijali li huma operati b'mod indipendenti li jiżvolġu waħda jew aktar mill-attivitajiet imfassla f'dan l-anness | B'kapacità ta' 10 000 $m^3$ kuljum ([4]) |
| 6. | Produzzjoni u proċessar ta' karta u injam | |
| (a) | Impjanti industrijali għall-produzzjoni ta' polpa minn injam jew minn materjali fibrużi oħra | * |
| (b) | Impjanti industrijali għall-produzzjoni ta' karti u folja u ta' prodotti ta' injam primarji oħra (bħalma huma ċ-ċipbord, fiberbord, u plajwudd) | B'kapaċità produttiva ta' 20 tunnellata kuljum |
| (ċ) | Impjanti industrijali għall-preżervazzjoni ta' l-injam u prodotti ta' l-injam permezz tal-kimika | B'kapaċità produttiva ta' 50 $m^3$ kuljum |
| 7. | Produzzjoni intensiva ta' bhejjem u akkwakultura | |
| (a) | Istallazzjonijiet għat-trobbija intensiva ta' tajr tad-dar jew ħnieżer | (i) B'40 000 post għat-tajr<br>(ii) B'2 000 post għall-produzzjoni ta' ħnieżer (b'piż iktar minn 30 kg)<br>(iii) B'750 post għall-ħnieżer |
| (b) | Akkwakultura intensiva | B'kapaċità produttiva ta' 1 000 tunnellata ta' ħut jew frott tal-baħar fis-sena |

| Nru | Attività: | Limitu ta' Kapaċità |
|---|---|---|
| 8. | Prodotti annimali u veġetali mis-settur ta' l-ikel u tax-xorb | |
| (a) | Biċċeriji | B'kapaċità produttiva ta' karkassi ta' 50 tunnellata kuljum |
| (b) | Trattament u pproċessar intenzjonat għall-produzzjoni ta' prodotti ta' ikel u xorb minn: | |
| | (i) Materjali ewlenin minn annimali (ħlief ħalib) | B'kapaċità produttiva ta' prodott aħħari ta' 75 tunnellata kuljum |
| | (ii) Materjali ewlenin veġetali | B'kapaċità produttiva ta' prodott aħħari ta' 300 tunnellata kuljum (valur medju fuq medda ta' kwart ta' sena) |
| (ċ) | Trattament u pproċessar ta' ħalib | B'kapaċità li jirċievu 200 tunnellata ta' ħalib kuljum (valur medju fuq bażi annwali) |
| 9. | Attivitajiet oħra | |
| (a) | Impjanti għall-pretrattament (operazzjonijiet bħalma huma l-ħasil, l-ibbliċjar, il-merċeriżazzjoni) jew kolorazzjoni ta' fibri jew tessili | B'kapacità ta' trattament ta' 10 tunnellati kuljum |
| (b) | Impjanti għall-kunzatura ta' ġlud | B'kapaċità ta' trattament ta' 12-il tunnellata ta' prodott aħħari kuljum |
| (ċ) | Installazzjonijiet għat-trattament tal-wiċċ ta' sustanzi, oġġetti jew prodotti permezz ta' solventi organiċi, b'mod partikolari għat-tilbiż, stampar, kisi, tneħħija ta' grass, trattament waterproofing, alterazzjoni ta' dimensjoni, tpittir, tindif jew impregnazzjoni | B'kapaċità ta' konsum ta' 150 kg fis-siegħa jew 200 tunnellata fis-sena |
| (d) | Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' karbon (faħam solidu maħruq) jew elletro-grafita permezz ta' inċenerazzjoni jew grafitazzjoni | * |
| (e) | Installazzjonijiet għall-bini ta', jew għal- tpittir jew tneħħija ta' żebgħa minn bastimenti | B'kapaċità għal bastimenti li huma ta' tul ta' 100 metru |

(1) Asterisk (*) jindika li ma huwa applikabli ebda limitu ta' kapacità (kull faċilità hija soġġetta għar-rappurtar).

(2) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.

(3) ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(4) Il-limitu tal-kapaċità għandu jkun rivedut sa mhux aktar tard mill-2010 fid-dawl tar-riżultati ta' l-ewwel ċiklu ta' rappurtar.

*ANNESS II*

**Inkwinanti** (*)

| Nru | numru SAK | Inkwinant (1) | Limitu ta' rilaxx (kolonna 1) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | fl-arja (kolonna 1a) kg/sena | fl-ilma (kolonna 1b) kg/sena | fl-art (kolonna 1ċ) kg/sena |
| 1 | 74-82-8 | Metanu ($CH_4$) | 100 000 | — (2) | — |
| 2 | 630-08-0 | MonossiduKarboniku (CO) | 500 000 | — | — |
| 3 | 124-38-9 | Dijossidu Karboniku ($CO_2$) | 100 miljun | — | — |
| 4 | | Idro-fluworokarbonji (HFCs) (3) | 100 | — | — |
| 5 | 10024-97-2 | Nitro-Ossidu($N_2O$) | 10 000 | — | — |
| 6 | 7664-41-7 | Ammonja ($NH_3$) | 10 000 | — | — |
| 7 | | Komposti volatili organiċi mhux metaniċi (NMVOC) | 100 000 | — | — |
| 8 | | Ossidi tan-Nitroġenu ($NO_x/NO_2$) | 100 000 | — | — |
| 9 | | Perfluworokarbonji (PFCs) (4) | 100 | — | — |
| 10 | 2551-62-4 | Kubrit ħexafluworidu ($SF_6$) | 50 | — | — |
| 11 | | Ossidi tal-kubrit ($SO_x/SO_2$) | 150 000 | — | — |
| 12 | | Nitroġenu totali | — | 50 000 | 50 000 |
| 13 | | Fosfru totali | — | 5 000 | 5 000 |
| 14 | | Idroklorofluworokarbonji (HCFCs) (5) | 1 | — | — |
| 15 | | Klorofluworokarbonji (CFCs) (6) | 1 | — | — |
| 16 | | Ħalonijiet (7) | 1 | — | — |
| 17 | | Arseniku u komposti tiegħu (bħala As) (8) | 20 | 5 | 5 |
| 18 | | Kadmju u komposti tiegħu (bħala Cd) (8) | 10 | 5 | 5 |
| 19 | | Kromju u komposti tiegħu (bħala Cr) (8) | 100 | 50 | 50 |
| 20 | | Kupru u komposti (bħala Cu) (8) | 100 | 50 | 50 |
| 21 | | Merkurju u komposti (bħala Hg) (8) | 10 | 1 | 1 |
| 22 | | Nikel u komposti (bħala Ni) (8) | 50 | 20 | 20 |
| 23 | | Ċomb u komposti (bħala Pb) (8) | 200 | 20 | 20 |
| 24 | | Żingu u komposti (bħala Zn) (8) | 200 | 100 | 100 |
| 25 | 15972-60-8 | Alaklor | — | 1 | 1 |
| 26 | 309-00-2 | Aldrin | 1 | 1 | 1 |
| 27 | 1912-24-9 | Atrażin | — | 1 | 1 |
| 28 | 57-74-9 | Klordanu | 1 | 1 | 1 |

(*) Rilaxxi inkwinanti li jaqgħu taħt bosta kategoriji ta' inkwinanti għandhom ikunu rrappurtati għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

| Nru | numru SAK | Inkwinant ([1]) | Limitu ta' rilaxx (kolonna 1) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | fl-arja (kolonna 1a) kg/sena | fl-ilma (kolonna 1b) kg/sena | fl-art (kolonna 1ċ) kg/sena |
| 29 | 143-50-0 | Klordekonu | 1 | 1 | 1 |
| 30 | 470-90-6 | Klorfenvinfosu | — | 1 | 1 |
| 31 | 85535-84-8 | Kloro-alkani, $C_{10}$-$C_{13}$ | — | 1 | 1 |
| 32 | 2921-88-2 | Klorpirifos | — | 1 | 1 |
| 33 | 50-29-3 | DDT | 1 | 1 | 1 |
| 34 | 107-06-2 | 1,2-dikloroetanu (EDC) | 1 000 | 10 | 10 |
| 35 | 75-09-2 | Diklorometanu (DCM) | 1 000 | 10 | 10 |
| 36 | 60-57-1 | Dijeldrin | 1 | 1 | 1 |
| 37 | 330-54-1 | Djuron | — | 1 | 1 |
| 38 | 115-29-7 | Endosulfan | — | 1 | 1 |
| 39 | 72-20-8 | Endrin | 1 | 1 | 1 |
| 40 | | Komposti organiċi aloġenati (bħala AOX) ([9]) | — | 1 000 | 1 000 |
| 41 | 76-44-8 | Ħeptaklor | 1 | 1 | 1 |
| 42 | 118-74-1 | Ħexaklorobenżene (HCB) | 10 | 1 | 1 |
| 43 | 87-68-3 | Ħexaklorobutadijene (HCBD) | — | 1 | 1 |
| 44 | 608-73-1 | 1,2,3,4,5,6-hexaklroroċikluhexanu (HCH) | 10 | 1 | 1 |
| 45 | 58-89-9 | Lindane | 1 | 1 | 1 |
| 46 | 2385-85-5 | Mirex | 1 | 1 | 1 |
| 47 | | PCDD + PCDF (dijossini + furani) (bħala Teq) ([10]) | 0,0001 | 0,0001 | 0,0001 |
| 48 | 608-93-5 | Pentaklorobenżin | 1 | 1 | 1 |
| 49 | 87-86-5 | Pentaklorofenol (PCP) | 10 | 1 | 1 |
| 50 | 1336-36-3 | Bifenili Poliklorinati (PCBs) | 0,1 | 0,1 | 0,1 |
| 51 | 122-34-9 | Simazine | — | 1 | 1 |
| 52 | 127-18-4 | Tetrakloroetilene (PER) | 2 000 | 10 | — |
| 53 | 56-23-5 | Tetraklorometanu (TCM) | 100 | 1 | — |
| 54 | 12002-48-1 | Triklorobenżini (TCBs) (kollha isomeri) | 10 | 1 | — |
| 55 | 71-55-6 | 1,1,1-trikloroetanu | 100 | — | — |
| 56 | 79-34-5 | 1,1,2,2-tetrakloroetanu | 50 | — | — |
| 57 | 79-01-6 | Trikloroetilene | 2 000 | 10 | — |
| 58 | 67-66-3 | Triklorometanu | 500 | 10 | — |
| 59 | 8001-35-2 | Toxafene | 1 | 1 | 1 |
| 60 | 75-01-4 | Vinil kloridu | 1 000 | 10 | 10 |
| 61 | 120-12-7 | Antraċene | 50 | 1 | 1 |

| Nru | numru SAK | Inkwinant [1] | Limitu ta' rilaxx (kolonna 1) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | fl-arja (kolonna 1a) kg/sena | fl-ilma (kolonna 1b) kg/sena | fl-art (kolonna 1ċ) kg/sena |
| 62 | 71-43-2 | Benżin | 1 000 | 200 (bħala BTEX) [11] | 200 (bħala BTEX) [11] |
| 63 | | Difenileteri Brominati (PBDE) [12] | — | 1 | 1 |
| 64 | | Nonilfenoli u Etoxilati Nonilfenoli (NP/NPEs) | — | 1 | 1 |
| 65 | 100-41-4 | Etil benżin | — | 200 (bħala BTEX) [11] | 200 (bħala BTEX) [11] |
| 66 | 75-21-8 | Etilene ossidu | 1 000 | 10 | 10 |
| 67 | 34123-59-6 | Isoproturon | — | 1 | 1 |
| 68 | 91-20-3 | Naftalina | 100 | 10 | 10 |
| 69 | | Komposti ta' Organotin (bħala totali Sn) | — | 50 | 50 |
| 70 | 117-81-7 | Di-(2-etil ħexil) ftalat (DEHP) | 10 | 1 | 1 |
| 71 | 108-95-2 | Aċidu Karboliku (bħala totali C) [13] | — | 20 | 20 |
| 72 | | Idrokarbonijiet poliċikliċi aromatiċi (PAHs) [14] | 50 | 5 | 5 |
| 73 | 108-88-3 | Toluene | — | 200 (bħala BTEX) [11] | 200 (bħala BTEX) [11] |
| 74 | | Tributiltin u komposti [15] | — | 1 | 1 |
| 75 | | Trifenilitin u komposti [16] | — | 1 | 1 |
| 76 | | Korbonju organiku totali (TOC) (bħala totali C jew COD/3) | — | 50 000 | — |
| 77 | 1582-09-8 | Trifluralin | — | 1 | 1 |
| 78 | 1330-20-7 | Xilenes [17] | — | 200 (bħala BTEX) [11] | 200 (bħala BTEX) [11] |
| 79 | | Kloridi (bħala totali Cl) | — | 2 miljuni | 2 miljuni |
| 80 | | Kloru u komposti inorganiċi (bħala HCl) | 10 000 | — | — |
| 81 | 1332-21-4 | Asbestos | 1 | 1 | 1 |
| 82 | | Ċjanuri (bħala totali CN) | — | 50 | 50 |
| 83 | | Fluworidi (bħala totali F) | — | 2 000 | 2 000 |
| 84 | | Fluworu u komposti inorganiċi (bħala HF) | 5 000 | — | — |
| 85 | 74-90-8 | Aċidu ċjanuriku (HCN) | 200 | — | — |
| 86 | | Materja Partikulata ($PM_{10}$) | 50 000 | — | — |
| 87 | 1806-26-4 | Oktilfenoli u Oktilfenol ethoxylates | — | 1 | — |

| Nru | numru SAK | Inkwinant (1) | Limitu ta' rilaxx (kolonna 1) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | fl-arja (kolonna 1a) kg/sena | fl-ilma (kolonna 1b) kg/sena | fl-art (kolonna 1ċ) kg/sena |
| 88 | 206-44-0 | Fluworantenu | — | 1 | — |
| 89 | 465-73-6 | Isodrin | — | 1 | — |
| 90 | 36355-1-8 | Hexabromobifenil | 0,1 | 0,1 | 0,1 |
| 91 | 191-24-2 | Benzo(g,h,i) perilene | | 1 | |

(1) Sakemm ma jkunx speċifikat mod iehor kwalunkwe inkwinant imsemmi fl-Anness II għandu jiġi rappurtat bħala l-massa totali ta' dak l-inkwinant jew, f'każ li inkwinant ikun grupp ta' sustanzi, bħala l-massa totali tal-grupp.

(2) Is-sing (-) jindika li l-parametru u l-mezz li qed jiġu diskussi ma joħolqux il-ħtieġa sabiex isir rapport.

(3) Massa totali ta' Idro-fluworokarbonji: is-somma ta' HFC23, HFC32, HFC41, HFC4310mee, HFC125, HFC134, HFC134a, HFC152a, HFC143, HFC143a, HFC227ea, HFC236fa, HFC245ca, HFC365mfc.

(4) Massa totali ta' perfluworokarbonji: is-somma ta' $CF_4$, $C_2F_6$, $C_3F_8$, $C_4F_{10}$, c-$C_4F_8$, $C_5F_{12}$, $C_6F_{14}$.

(5) Massa totali tas-sustanzi inklużi l-isomeri tagħhom elenkati fil-Grupp VIII ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu (ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1) Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1804/2003 (ĠU L 265, 16.10.2003, p. 1).

(6) Massa totali tas-sustanzi inklużi l-isomeri tagħhom elenkati fil-Grupp I u II ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000.

(7) Massa totali tas-sustanzi elenkati inklużi l-isomeri tagħhom fil-Grupp III u VI ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000.

(8) Il-metalli kollha għandhom ikunu rappurtati bħala l-massa totali ta' l-element fil-forom kemikali kollha preżenti fir-rilaxx.

(9) Komposti organiċi aloġenati li jistgħu jiġu assorbiti mal-karbonju attivat deskritt bħala kloridju.

(10) Deskritti bħala I-TEQ.

(11) Inkwinanti singoli jridu jiġu rappurtati jekk il-livell għall-BTEX (il-parametru totali ta' benżin, toluene, etil benżin, xileni) jinqabeż.

(12) Massa totali tad-difenileteri brominati: penta-BDE, octa-BDE u deca-BDE.

(13) Massa totali ta' fenolu u sostituti sempliċi ta' fenoli deskritti bħala karbonju totali.

(14) Idrokarboni poliċikliċi aromatiċi (PAH ijiet) jridu jitkejlu għar-rappurtar ta' rilaxxi fl-arja bħala benżo(a)pirene (50-32-8), benżo(b)fluworantene (205-99-2), benżo(k)fluworantene (207-08-9), indeno(1,2,3-cd)pirene (193-39-5) (derivati mir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar inkwinanti organiċi persistenti (ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5).

(15) Massa totali ta' komposti ta' tributiltin, deskritti bħala massa ta' tributiltin.

(16) Massa totali ta' komposti ta' trifenilitin, deskritti bħala massa ta' trifenilitin.

(17) Massa totali ta' xilenes (orto-xilenes, meta-xilenes, para-xilenes).

*ANNESS III*

**Format għar-rappurtar ta' data dwar rilaxx u trasferiment mill-Istati Membri lill-Kummissjoni**

| | | |
|---|---|---|
| **Sena ta' referenza** | | |
| **Identifikazzjoni tal-faċilità** | | |
| Isem tal-kumpannija prinċipali<br>Isem tal-faċilità<br>Numru ta' identifikazzjoni tal-faċilità<br>Triq<br>Belt/raħal<br>Kodiċi Postali<br>Pajjiż<br>Koordinati tal-post<br>Distrett fejn jinstab il-baċir tax-xmara ([1])<br>Kodiċi NACE (4 numri)<br>Attività ekonomika prinċipali<br>Volum produzzjoni (opzjonali)<br>Numru ta' installazzjonijiet (opzjonali)<br>Numru ta' siegħat operattivi f'sena (opzjonali)<br>Numru ta' impjegati (opzjonali)<br>Referenza testwali għall-informazzjoni testwali jew indirizz tal-portal mogħti mill-faċilità jew kumpannija prinċipali (opzjonali) | | |
| **Kull attività tal-faċilità imfassla fl-Anness I (skond is-sistema ta' kodiċi mogħtija fl-Anness I u l-kodiċi PKIT fejn applikabbli)** | | |
| Attività 1 (Attività prinċipali minn Anness I)<br>Attività 2<br>Attività N | | |
| **Data dwar rilaxx fl-arja għall-faċilitàjiet għal kull inkwinant li jeċċedu l-limitu tal-valur (skond Anness II)** | | Rilaxx fl-arja |
| Inkwinant 1<br>Inkwinant 2<br>Inkwinant N | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | T:Total<br>f'kg/sena<br>A:Aċċidentali<br>f'kg/sena |
| **Data dwar rilaxx fl-ilma għall-faċilitajiet għal kull inkwinant li jeċċedu l-limitu tal-valur (skond Anness II)** | | Rilaxx fl-ilma |
| Inkwinant 1<br>Agent ta' Tniggiż 2<br>Inkwinant N | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E: stmat | T:Totali<br>f'kg/sena<br>A:Aċċidentali<br>f'kg/sena |
| **Data dwar rilaxx fl-art għall-faċilitajiet għal kull inkwinant li jeċċedu l-limitu tal-valur (skond Anness II)** | | Rilaxx fl-art |
| Inkwinant 1<br>Inkwinant 2<br>Inkwinant N | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E: stmat | T:Totali<br>f'kg/sena<br>A:Aċċidentali<br>f'kg/sena |

| | | |
|---|---|---|
| **Trasferimenti il barra mis-sit ta' kull inkwinant destinat għat-trattament ta' ilma ta' dranaġġ fi kwantitajiet li jeċċedu l-limitu tal-valur (skond Anness II)** | | |
| Inkwinant 1<br>Inkwinant 2<br>Inkwinant N | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E: stmat | f'kg/sena |
| **Trasferimenti il barra mis-sit ta' skart perikoluż għal faċilità li teċċedi l-limitu tal-valur (skond l-Artikolu 5)** | | |
| Ġewwa l-pajjiż:<br>Għall-irkuprar (R) | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | f'tunnellati/sena |
| Ġewwa l-pajjiż:<br>Għar-Rimi (D) | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | f'tunnellati/sena |
| Għal pajjiżi oħra:<br>Għall-irkuprar (R)<br>Isem ta' min qed jirkupra<br>Indirizz ta' min qed jirkupra<br>Indirizz tas-sit effettiv ta' l-irkuprar li qed jirċievi t-trasferiment | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | f'tunnellati/sena |
| Għal pajjiżi oħra:<br>Għar-Rimi (D)<br>Isem ta' min qed jarmi<br>Indirizz ta' min qed jarmi<br>Indirizz tas-sit effettiv tar-rimi li qed jirċievi t-trasferiment | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | f'tunnellati/sena |
| **Trasferiment 'l barra mis-sit ta' skart mhux (skond l-Artikolu 5) perikoluż għal faċilità li teċċedi l-limitu tal-valur** | | |
| Għall-irkuprar (R) | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | f'tunnellati/sena |
| Għar-Rimi (D) | M: imkejjel; Metodu Analitiku użat<br>Ċ: ikkalkulat; Metodu ta' kalkolu użat<br>E stmat | f'tunnellati/sena |
| **Awtoritajiet kompetenti għar-rikjesti mill-pubbliku**<br>Isem<br>Triq<br>Belt/raħal<br>Numru tat-telefon<br>Numru tal-Fax:<br>E-mail | | |

(1) Skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi kwadru għall-azzjonij tal-Komunità fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1). Direttiva kif emendata permezz tad-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

# ID-DEĊIŻJONI Nru 167/2006/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2006

## li tikkonċerna l-attivitajiet ta' ċerti pajjiżi terzi fil-qasam tan-navigazzjoni merkantili

## (Verżjoni kodifikata)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 78/774/KEE tad-19 ta' Settembru 1978 dwar l-attivitajiet ta' ċerti pajjiżi terzi fil-qasam tan-navigazzjoni merkantili ([3]) ġiet emendata b'mod sostanzjali ([4]). Għal raġunijiet ta' iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Deċiżjoni għandha tkun kodifikata.

(2) Sistemi ta' informazzjoni għandhom ikunu stabbiliti biex jippermettu li l-istituzzjonijiet tal-Komunità jinżammu infurmati dwar l-attivitajiet tal-flottot ta' terzi pajjiżi li l- prassi tagħhom huwa ta' ħsara għall-interessi tan-navigazzjoni ta' l-Istati Membri u b'mod partikolari safejn dawn l-attivitajiet jaffettwaw b'mod ħażin il-parteċipazzjoni kompetittiva tal-flotot ta' l-Istati Membri fil-kummerċ marittimu internazzjonali. Dawn is-sistemi ta' informazzjoni għandhom jiffaċilitaw il-konsultazzjoni fuq livell Komunitarju.

(3) Għandha tkun ipprovduta il-possibiltà li l-miżuri meħtieġa jiġu adottati fuq livell Komunitarju għall-eżerċizzju konġunt mill-Istati Membri tal-poteri tagħhom li jadottaw kontromiżuri fir-rigward ta' l-attivitajiet tan-navigazzjoni merkantili ta' ċerti pajjiżi terzi,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex jimplimenta sistema li tippermettih li jiġbor informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-flotot ta' pajjiżi terzi li jsegwu prassi li huwa ta' ħsara għall-interessi tan-navigazzjoni ta' l-Istati Membri u b'mod partikolari safejn dawn l-attivitajiet jaffettwaw b'mod ħażin il-parteċipazzjoni kompetittiva tal-flotot ta' l-Istati Membri fil-kummerċ marittimu internazzjonali.

Din is-sistema għandha tippermetti safejn meħtieġ lil kull Stat Membru biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu, biex jiġbor informazzjoni dwar:

(a) il-livell ta' servizzi ta' navigazzjoni merkantili offruti;

(b) in-natura, il-volum, il-valur, l-oriġini u d-destinazzjoni ta' merkanzija mgħobbija jew imħatta fl-Istati Membri konċernati mill-bastimenti mqabbdin biex jaħdmu f'dawn is-servizzi;

u

(ċ) il-livell ta' tariffi għal tali servizzi.

### *Artikolu 2*

1. Il-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata, għandu jiddeċiedi lil liema flotot ta' pajjiżi terzi s-sistema ta' l-informazzjoni għandha tiġi applikata b'mod konġunt.

2. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika t-tip ta' navigazzjoni merkantili li għaliha għandha tapplika s-sistema ta' informazzjoni, id-data ta' l-introduzzjoni tagħha, l-intervalli li fihom għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni u liema tipi ta' informazzjoni mniżżlin fit-tieni paragrafu ta' l- Artikolu 1 għandhom jinġabru.

3. Kull Stat Membru għandu jgħaddi lill-Kummissjoni, perjodikament jew fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, l-informazzjoni prodotta mis-sistema ta' informazzjoni tiegħu.

4. Il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni għall-Komunità kollha. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/587/KEE tat-13 ta' Settembru 1977 li tistabbilixxi proċedura ta' konsultazzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fuq kwistjonijiet ta' trasport bil-baħar u fuq azzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet f'organizzazzjonijiet internazzjonali ([5]) għandu japplika għal dik l-informazzjoni.

### *Artikolu 3*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw regolarment, fi ħdan l-istruttura tal-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita mid-Deċiżjoni 77/587/KEE u fuq il-bażi inter alia ta' l-informazzjoni prodotta mis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, l-attivitajiet tal-flotot ta' pajjiżi terzi speċifikati fid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 (1).

([1]) ĠU C 110, tat-30.4.2004, p. 14.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2004 (ĠU C 102 E, tat-28.4.2004, p. 107) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2005.

([3]) ĠU L 258, tal-21.9.1978, p. 35. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 89/242/KEE (ĠU L 97, tal-11.4.1989, p. 47).

([4]) Ara l-Anness I.

([5]) ĠU L 239, tas-17.9.1977, p. 23.

*Artikolu 4*

Il-Kunsill b'mod unanimu jista' jiddeċiedi fuq l-applikazzjoni konġunt mill-Istati Membri fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiż terz jew grupp ta' pajjiżi terzi li dwarhom deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 2 (1) tkun adottata, ta' kontromiżuri xierqa li jiffurmaw parti mil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li japplikaw unilateralment is-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali tagħhom u l-kontromiżuri.

*Artikolu 6*

Id-Deċiżjoni 78/774/KEE hija permezz ta' dan imħassra bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva.

Referenzi magħmula għad-Deċiżjoni li ġiet imħassra għandhom jiġu implimentati billi jirreferu għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar it-18 ta' Jannar 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | H. WINKLER |

*ANNESS I*

**Deċiżjoni mħassra flimkien ma' l-emendament tagħha**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill 78/774/KEE | (ĠU L 258, tal-21.9.1978, p. 35) |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 89/242/KEE | (ĠU L 97, tal-11.4.1989, p. 47) |

*ANNESS II*

**Tabella Ta Korrelazzjoni**

| Deċiżjoni 78/774/KEE | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| Artikolu 1, paragrafu 1 | Artikolu 1, l-ewwel paragrafu. |
| Artikolu 1, paragrafu 2, sentenza tal-bidu | Artikolu 1, it-tieni paragrafu, sentenza tal-bidu |
| Artikolu 1, paragrafu 2, l-ewwel inċiż | Artikolu 1, it-tieni paragrafu, punt (a) |
| Artikolu 1, paragrafu 2, it-tieni inċiż | Artikolu 1, it-tieni paragrafu, punt (b) |
| Artikolu 1, paragrafu 2, it-tielet inċiż | Artikolu 1, it-tieni paragrafu, punt (ċ) |
| Artikoli 2-5 | Artikoli 2-5 |
| Artikolu 6 | — |
| — | Artikolu 6 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

# ID-DIRETTIVA 2005/89/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Jannar 2006**

**dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista ta' l-elettriku u ta' l-investiment fl-infrastruttura**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku ([3]) tat kontribut importanti għall-ħolqien tas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku. Il-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fil-provvista ta' l-elettriku hija objettiv ewlieni għall-funzjonament b'suċċess tas-suq intern u dik id-Direttiva tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li jimponu obbligi ta' servizz pubbliku fuq intrapriżi fil-qasam ta' l-elettriku, fost l-oħrajn, f'relazzjoni mas-sigurtà fil-provvista. Dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom ikunu definiti b'mod l-aktar preċiż u strett possibbli u m'għandhomx jirriżultaw fil-ħolqien ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku li teċċedi dak li jkun neċessarju sabiex jiġi evitat qtugħ mhux mistenni fid-distribuzzjoni ta' l-elettriku lill-konsumaturi finali.

(2) It-talba għall-elettriku tkun normalment imbassra fuq żmien medju fuq il-bażi ta' xenarji elaborati minn operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni jew minn organizzazzjonijiet oħra li jkunu kapaci jibnuhom fuq talba ta' xi Stat Membru.

(3) Suq waħdieni u kompetittiv fil-qasam ta' l-elettriku fl-UE jeħtieġ linji politiċi trasparenti u mhux diskriminatorji dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku li jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti ta' suq bħal dan. In-nuqqas ta' tali linji politiċi fl-Istati Membri individwali, jew il-presenza ta' differenzi sinifikattivi bejn il-linji politiċi ta' l-Istati Membri jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Id-definizzjoni ta' rwoli u responsabbiltajiet ċari ta' l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll ta' l-Istati Membri nfushom u ta' l-atturi relevanti kollha fis-suq, hija għalhekk kruċjali fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku u għal tħaddim korrett tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin timpedixxi l-ħolqien ta' ostakoli għal min irid jidħol fis-suq, bħal kumpanniji li jiġġeneraw jew ifornu l-elettriku f'xi Stat Membru li jkunu reċentement bdew l-operazzjonijiet tagħhom f'dak l-Istat Membru, u timpedixxi l-ħolqien ta' distorsjonijiet tas-suq intern ta' l-elettriku jew ta' diffikultajiet sinifikattivi għall-atturi fis-suq, inklużi kumpanniji b'ishma żgħar tas-suq, bħal ġeneraturi jew forrnituri b'sehem żgħir ħafna tas-suq Komunitarju relevanti.

(4) Id-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tistabbilixxi sensiela ta' linji gwida għall-politika tal-Komunità dwar *networks* trans-Ewropej ta' l-enerġija. Ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku ([5]) jistabbilixxi, inter alia, il-prinċipji ġenerali u regoli dettaljati fir-rigward ta' ġestjoni tal-konġestjoni.

(5) Fil-promozzjoni ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, huwa meħtieġ li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' kapaċità assoċjata ta' *back-up*, fejn tkun meħtieġa teknikament, sabiex tinżamm l-affidabbiltà u s-sigurtà tan-*network*.

(6) Sabiex jintlaħqu l-impenji ambjentali tal-Komunità u sabiex titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-enerġija importata, huwa importanti li jittieħed kont ta' l-effetti fit-tul taż-żieda fid-domanda għall-elettriku.

(7) Il-koperazzjoni bejn operaturi nazzjonali tas-sistema ta' trasmissjoni fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-*networks*, inklużi d-definizzjoni tal-kapaċitajiet ta' trasferiment, tal-forniment ta' informazzjoni u tal-proġettazzjoni tan-*networks*, hija vitali għall-iżvilupp ta' suq intern li jaħdem sew u tista' tittejjeb aktar. In-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni fir-rigward tas-sigurtà tan-*networks* hija ta' ħsara għall-iżvilupp ta' kondizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni.

([1]) ĠU C 120, ta' l-20.5.2005, p. 119.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2005 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-1 ta' Diċembru 2005.

([3]) ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/85/KE (ĠU L 236, tas-7.7.2004, p. 10).

([4]) ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 11.

([5]) ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1223/2004 (ĠU L 233, tat-2.7.2004, p. 3).

(8) L-għan prinċipali tar-regoli u r-rakkomandazzjonijiet tekniċi relevanti bħal dawk li jinsabu fil-manwal ta' operazzjoni ta' l-Unjoni għall-Ko-ordinazzjoni tat-Trasmissjoni ta' l-Elettriku (UCTE), ta' regoli u rakkomandazzjonijiet simili żviluppati min-NORDEL, tal-Kodiċi tar-Retikolat tal-Baltiku u ta' dawk adottati għas-sistemi tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, huwa li dawn jipprovdu sostenn lill-operazzjoni teknika tan-*network* interkonnessa, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex tiġi sodisfatta l-ħtieġa ta' operazzjoni kontinwa tan-*network* fil-każ ta' qtugħ fis-sistema f'punt individwali jew f'punti fin-*network* u sabiex titnaqqas l-ispiza relatata mal-mitigazzjoni ta' qtugħ bħal dan fil-provvista.

(9) L-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni għandhom ikunu meħtieġa jfornu servizz ta' livell għoli lill-konsumaturi finali f'termini ta' frekwenza u ta' dewmien ta' qtugħ.

(10) Il-miżuri li jistgħu jintużaw sabiex jiżguraw li jinżammu livelli xierqa ta' kapaċità ta' riżerva ta' ġenerazzjoni, għandhom ikunu bbażati fuq is-suq u jkunu non-diskriminatorji u jistgħu jinkludu miżuri bħal garanziji kontrattwali u arranġamenti, għażliet ta' kapaċità jew obbligi ta' kapaċità. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu supplementati bi strumenti non-diskriminatorji oħra bħal rati ta' ħlas skond il-kapaċità.

(11) Sabiex jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni adegwata minn qabel, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-miżuri li jittieħdu sabiex jinżamm il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fost investituri attwali u potenzjali fil-ġenerazzjoni u fost il-konsumaturi ta' l-elettriku.

(12) Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 86, 87 u 88 tat-Trattat, huwa importanti li l-Istati Membri jwaqqfu qafas mhux ambigwu, adattat u stabbli li jiffaċilita s-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku u jwassal għal investimenti fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni u għal metodi tekniċi ta' l-immaniġġar tad-domanda. Huwa importanti wkoll li jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw qafas regolatorju li jheġġeġ l-investiment f'interkonnessjonijiet ġodda fit-trasmissjoni, speċjalment bejn l-Istati Membri.

(13) Il-Kunsill Ewropew f'Barċellona fil-15 u s-16 ta' Marzu 2002 qabel dwar livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri. Livelli baxxi ta' interkonnessjoni għandhom l-effett li jifframmentaw is-suq u huma ta' xkiel għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni. L-eżistenza ta' kapaċità ta' interkonnessjoni fiżika adegwata ta' trasmissjoni, sew jekk transkonfinali jew le, hija kruċjali iżda mhijiex kondizzjoni suffiċjenti sabiex il-kompetizzjoni tkun effettiva kompletament. Fl-interess tal-konsumaturi finali, ir-relazzjoni bejn il-benefiċji potenzjali ta' proġetti ġodda ta' interkonnessjoni u n-nefqa għal tali proġetti għandha tkun bilanċjata b'mod raġonevoli.

(14) Filwaqt li huwa importanti li l-kapaċitajiet massimi ta' trasferiment disponibbli jiġu determinati mingħajr il-ksur tar-rekwiżiti għal operazzjoni bla periklu tan-*networks*, huwa importanti wkoll f'dak ir-rispett li wieħed jiżgura trasparenza sħiħa fil-kalkolu ta' kapaċità u fil-proċedura ta' allokazzjoni fis-sistema ta' trasmissjoni. B'dan il-mod jista' jkun possibbli li jsir użu aħjar tal-kapaċità eżistenti u ma jingħatawx lis-suq sinjali foloz ta' skarsezza, bħala sostenn lejn il-kisba ta' suq intern kompetittiv kif previst fid-Direttiva 2003/54/KE.

(15) L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni jeħtieġu qafas regolatorju adegwat u stabbli għall-investiment u għall-manteniment u t-tiġdid tan-*networks*.

(16) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/54/KE jeħtieġ l-Istati Membri sabiex jissorveljaw u jressqu rapport dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku. Dan ir-rapport għandu jkopri fatturi marbuta ma' termini ta' żmien qasir, ta' żmien medju u ta' żmien twil relevanti għas-sigurtà tal-provvista inkluża l-intenzjoni ta' l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni li jinvestu fin-*network*. Fit-tħejjija ta' tali rapport, l-Istati Membri jkunu mistennija li jirreferu għal informazzjoni u stimi li jkunu diġà qegħdin isiru mill-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni sew fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi kollettiva, anke fuq livell Ewropew.

(17) L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implementazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva.

(18) Ladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li jiġu żgurati l-provvisti ta' l-elettriku abbażi ta' kompetizzjoni ġusta u l-ħolqien ta' suq intern ta' l-elettriku kompletament operattiv, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tistà tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri mmirati lejn is-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku sabiex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern ta' l-elettriku u sabiex jiġu żgurati:

(a) livell adegwat ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni;

(b) bilanċ adegwat bejn il-provvista u d-domanda;

u

(ċ) livell xieraq ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri għall-iżvilupp tas-suq intern.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu politika trasparenti, stabbli u mhux diskriminatorja dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku kompatibbli mar-rekwiżiti ta' suq intern kompetittiv għall-elettriku.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet disposti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/54/KE. Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità regolatorja" tfisser l-awtoritajiet regolatorji fl-Istati Membri, kif nominati skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/54/KE;

(b) "sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku" tfisser il-kapaċità ta' sistema ta' l-elettriku li tipprovdi elettriku lill-konsumaturi finali, kif previst f'din id-Direttiva;

(ċ) "sigurtà operattiva tan-*network*" tfisser l-operazzjoni kontinwa tan-*network* tat-trasmissjoni u, fejn ikun il-każ, ta' distribuzzjoni taħt ċirkostanzi prevedibbli;

(d) "bilanċ bejn provvista u domanda" tfisser is-sodisfazzjon ta' domandi prevedibbli ta' konsumaturi sabiex jużaw l-elettriku mingħajr il-ħtieġa li jiġu nfurzati miżuri sabiex jitnaqqas il-konsum.

*Artikolu 3*

**Disposizzjonijiet Ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku billi jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiffaċilitaw klima ta' investiment stabbli u billi jiddefinixxu l-irwoli u r-responsabbiltajiet ta' l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-awtoritajiet regolatorji fejn relevanti, u l-atturi relevanti kollha tas-suq, u jippubblikaw informazzjoni dwarhom. L-atturi relevanti tas-suq jinkludu, inter alia, l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, il-ġeneraturi ta' l-elettriku, il-fornituri, u l-konsumaturi finali.

2. Fl-implementazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta':

(a) l-importanza li tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvisti ta' l-elettriku;

(b) l-importanza ta' qafas regolatorju trasparenti u stabbli;

(ċ) is-suq intern u l-possibbiltajiet ta' koperazzjoni transkonfinali f'dak li jirrigwarda s-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku;

(d) il-ħtieġa tal-manutenzjoni regolari u fejn meħtieġ tat-tiġdid tan-*networks* ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni għall-manteniment tal-prestazzjoni tan-*network*;

(e) l-importanza li tiġi żgurata l-implementazzjoni korretta tad-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku ([1]) u tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' kogenerazzjoni bbażata fuq domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija ([2]) sa fejn id-disposizzjonijiet tagħhom huma relatati mas-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku;

(f) il-ħtieġa li tiġi żgurata kapaċità ta' riserva suffiċjenti ta' trasmissjoni u ta' ġenerazzjoni għall-operazzjoni stabbli;

u

(g) l-importanza li jitħeġġeġ it-twaqqif ta' swieq għall-ingrossa likwidi.

3. Fl-implementazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jieħdu kont ukoll ta':

(a) il-grad ta' diversità fil-ġenerazzjoni ta' l-elettriku fil-livell nazzjonali jew reġjonali relevanti;

(b) l-importanza li jitnaqqsu l-effetti fuq żmien fit-tul taż-żieda fid-domanda għall-elettriku;

(ċ) l-importanza li jitħeġġu l-effiċjenza fil-konsum ta' l-enerġija u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari teknoloġiji għall-immaniġġar tad-domanda, teknoloġiji għall-enerġija rinnovabbli u l-ġenerazzjoni distribwita;

u

(d) l-importanza li jitneħħew il-barrieri amministrattivi għall-investimenti fl-infrastruttura u fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull miżura adottata skond din id-Direttiva tkun non-diskriminatorja u ma timponix piż eċċessiv fuq l-atturi tas-suq, inklużi l-atturi ġodda fis-suq u l-kumpanniji b'ishma żgħar fis-suq. L-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu kont, qabel l-adozzjoni tagħhom, ta' l-impatt tal-miżuri fuq il-prezz ta' l-elettriku għall-konsumaturi finali.

([1]) ĠU L 283, tas-27.10.2001, p. 33. Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

([2]) ĠU L 52, tal-21.2.2004, p. 50.

5. Filwaqt li jiġi żgurat livell xieraq ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(ċ), għandha tingħata konsiderazzjoni speċjali:

(a) lis-sitwazzjoni ġeografika speċifika ta' kull Stat Membru,

(b) sabiex jinżamm bilanċ raġjonevoli bejn in-nefqa għall-bini ta' interkonnetturi ġodda u l-benefiċċju għall-konsumaturi finali,

u

(ċ) sabiex jiġi żgurat li l-interkonnetturi eżistenti ikunu wżati effiċjentement kemm jista' jkun.

*Artikolu 4*

**Sigurtà Operattiva tan-Networks**

1. (a) L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jistabbilixxu regoli u obbligi operattivi minimi ta' sigurtà tan-network.

Qabel ma jistabbilixxu tali regoli u obbligi, huma għandhom jikkonsultaw ma' l-atturi relevanti fil-pajjiżi li magħhom teżisti interkonnessjoni.

(b) Minkejja l-ewwel paragrafu tal-punt (a), l-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jippreżentaw dawn ir-regoli u obbligi lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni.

(ċ) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni u fejn ikun il-każ ta' distribuzzjoni jikkonformaw mar-regoli u obbligi operattivi minimi ta' sigurtà tan-*network*.

(d) L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jżommu livell xieraq ta' sigurtà operattiva tan-*network*.

Għal dak il-għan, l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom iżommu livell ta' kapaċità ta' riserva ta' trasmissjoni teknika għas-sigurtà operattiva tan-network u għandhom jikkoperaw ma' l-operaturi konċernatitas-sistemi ta' trasmissjoni li magħhom ikunu interkonnessi.

Il-livell ta' ċirkustanzi prevedibbli li taħthom għandha tinżamm is-sigurtà għandu jkun definit fir-regoli tas-sigurtà operattiva tan-*network*.

(e) L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi interkonnessi ta' trasmissjoni u, fejn ikun il-każ, ta' distribuzzjoni jiskambjaw informazzjoni dwar l-operazzjoni tan-*networks* b'mod tempestiv u effettiv skond ir-rekwiżiti operattivi minimi. Fejn meħtieġ l-istess rekwiżiti għandhom, japplikaw għall-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni li jkunu interkonessi ma' operaturi barra mill-Komunità.

2. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u fejn ikun il-każ ta' distribuzzjoni jistabbilixxu u jilħqu miri ta' kwalità ta' provvista u ta' sigurtà operattiva tan-*networks*. Dawn il-miri għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet kompetenti u l-implementazzjoni tagħhom għandha tkun immonitorjata minnhom. Dawn il-miri għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u għandhom jiġu pubblikati.

3. Fit-teħid tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/54/KE u fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1228/2003, l-Istati Membri ma għandhomx jiddiskriminaw bejn kuntratti transkonfinali u kuntratti nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-restrizzjonijiet fuq il-provvisti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jkunu bbażati fuq kriterji predefiniti relatati mal-immaniġġar ta' l-iżbilanċi mill-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni. Kull miżura ta' salvagwardja għandha tittieħed f'konsultazzjoni mill-qrib ma' operaturi relevanti oħra ta' sistemi ta' trasmissjoni, fir-rispett ta' kull ftehim bilaterali relevanti, inklużi dawk il-ftehmiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

*Artikolu 5*

**Żamma ta' bilanċ bejn il-provvista u d-domanda**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex iżommu bilanċ bejn id-domanda għall-elettriku u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni disponibbli.

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom:

(a) mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti partikolari ta' sistemi żgħar u iżolati, jinkoraġġixxu t-twaqqif ta' qafas ta' suq ta' l-ingrossa li jipprovdi sinjali adattati tal-prezzijiet għall-ġenerazzjoni u għall-konsum;

(b) jesiġu li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jiżguraw li jkun disponibbli livell adattat ta' kapaċità ta' riserva ta' ġenerazzjoni għall-finijiet ta' bilanċ u/jew jadottaw miżuri ekwivalenti bbażati fuq is-suq.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu ukoll jieħdu miżuri addizzjonali, li jinkludu:

(a) disposizzjonijiet li jiffaċilitaw kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni u d-dħul fis-suq ta' kumpanniji ġodda ta' ġenerazzjoni;

(b) it-tneħħija ta' barrieri li jimpedixxu l-użu ta' kuntratti interrompibbli;

(ċ) it-tneħħija ta' barrieri li jimpedixxu kuntratti li jvarjaw fit-tul kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi;

(d) l-inkoraġġament ta' l-adozzjoni ta' teknoloġiji għall-immaniġġar tad-domanda fil-ħin reali bħal sistemi avvanzati ta' kejl;

(e) l-inkoraġġament ta' miżuri għall-konservazzjoni ta' l-enerġija;

(f) proċeduri għall-offerti jew kull proċedura ekwivalenti f'termini ta' trasparenza u non-diskriminazzjoni skond l-Artikolu 7 (1) tad-Direttiva 2003/54/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-miżuri li jittieħdu skond dan l-Artikolu u għandhom jiżguraw l-aktar disseminazzjoni mifruxa possibbli.

*Artikolu 6*

**Investiment fin-Network**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas regolatorju li:

(a) jipprovdi sinjali ta' investiment għal operaturi fin-*networks* tas-sistemi kemm ta' trasmissjoni kif ukoll ta' distribuzzjoni sabiex jiżviluppaw in-*networks* tagħhom sabiex ilaħħqu mad-domanda prevedibbli mis-suq;

u

(b) jiffaċilita l-manutenzjoni u, fejn ikun meħtieġ, it-tiġdid tan-*networks* tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1228/2003, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-investiment kummerċjali fl-interkonessjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-investimenti fl-interkonessjoni jittieħdu b'ko-operazzjoni mill-qrib bejn l-operaturi relevanti tas-sistemi ta' trasmissjoni.

*Artikolu 7*

**Rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapport imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/54/KE jkopri l-adegwatezza ġenerali tas-sistema ta' l-elettriku sabiex tforni kurrent u d-domanda prevista għall-elettriku, u jinkludi:

(a) is-sigurtà operattiva tan-*network*;

(b) il-bilanċ previst tal-provvista u d-domanda għall-perjodu tal-ħames snin li jkunu ġejjin;

(ċ) il-prospetti għas-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku għall-perjodu ta' bejn 5 u 15 il-sena mid-data tar-rapport;

(d) l-intenzjonijiet ta' investiment, għall-ħames snin kalendarji jew aktar li jkunu ġejjin, ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jew dawk ta' xi parti oħra li bihom huma jkunu jafu firrigward tal-forniment ta' kapaċità ta' interkonnessjoni transkonfinali.

2. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju r-rapport f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni. L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom, jekk ikun il-każ, jikkonsultaw ma' l-operaturi tas-sistemi viċini ta' trasmissjoni.

3. It-taqsima tar-rapport relatata ma' l-intenzjonijiet ta' investiment fl-interkonnessjoni msemmija fil-paragrafu (1)(d) għandha tieħu kont ta':

(a) il-prinċipji ta' l-immaniġġar tal-konġestjoni, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1228/2003;

(b) il-linji ta' trasmissjoni eżistenti u proġettati;

(ċ) il-karatteristiċi mistennija ta' ġenerazzjoni, provvista, skambji transkonfinali u konsum, b'kont meħud tal-miżuri tal-immaniġġar tad-domanda,

u

(d) il-miri reġjonali, nazzjonali u Ewropej ta' żvilupp sostenibbli, inklużi dawk il-proġetti li jagħmlu parti mill-Assi għall-proġetti prijoritarji esposti fl-Anness I mad-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operauri tas-sistemi ta' trasmissjoni jipprovdu informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tagħhom ta' investiment jew dwar dawk ta' kull parti oħra li biha huma jkunu jafu dwar il-forniment ta' kapaċità ta' inter-konnessjoni transkonfinali.

L-Istati Membri jistgħu ukoll jesiġu li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jipprovdu informazzjoni dwar investimenti relatati ma' kostruzzjoni ta' linji interni li jolqtu materjalment il-forniment ta' interkonnessjoni transkonfinali.

4. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-mezzi meħtieġa għall-aċċess għad-*data* relevanti jkunu aġevolati għall-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u/jew għall-awtoritajiet kompetenti fejn din id-*data* tkun relevanti fl-izvilupp ta' dan ix-xogħol.

Għandu jiġi żgurat li ma tiġix żvelata informazzjoni kunfidenzjali.

5. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni msemmija fir-raba' inċiż tal-paragrafu 1(d), riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2003/796/KE ([1]) dwar l-investimenti proġettati u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-miri stabbiliti fl-Artikolu 1(1).

Dan ir-rapport jista' jiġi marbut mar-rappurtar previst fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2003/54/KE u għandu jiġi pubblikat.

*Artikolu 8*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti, u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-24 ta' Frar 2008. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu riferiment għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali riferiment meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif isiru tali riferimenti għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Sal-1 ta' Diċembru 2007, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

**Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tirrivedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tippreżenta rapport dwar il-progress miksub lill-Parlament Ewropej u lill-Kunsill sa l-24 ta' Frar 2010.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-Seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 11*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar it-18 ta' Jannar 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | H. WINKLER |

([1]) ĠU L 296, ta' l-14.11.2003, p. 34.

# ID-DIRETTIVA 2005/90/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Jannar 2006**

**li temenda, għad-disgħa u għoxrin darba, id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni — k/m/r)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-miżuri msemmija f'din id-Direttiva jaqgħu fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni adottat bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) ([3]). Skond dik id-Deċiżjoni l-Komunità hija mpenjata sabiex tippromwovi u ttejjeb is-saħħa, tipprevjeni l-mard, u tikkumbatti perikli potenzjali għas-saħħa, bil-għan li tnaqqas il-morbożità evitabbli u l-mortalità prematura u d-diżabbiltà li tnaqqas l-attività.

(2) Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi ([4]) u li huma klassifikati bħala karċinoġeni kategorija 1 jew 2 jistgħu jikkawżaw il-kanċer. Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE u li huma klassifikati bħala mutaġeni kategorija 1 jew 2 jistgħu jikkawżaw dannu ġenetiku li jintiret. Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE u huma klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 jew 2 jistgħu jikkawżaw difetti fit-twelid jew jistgħu jagħmlu l-ħsara lill-fertilità.

(3) Sabiex tkun imtejba l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-sigurtà għall-konsumatur, l-użu ta' sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2 għandu jkun regolat u t-tqegħid fis-suq ta' sustanzi u preparazzjonijiet li jkun fihom dawn is-sustanzi għandhom ikunu suġġetti għal restrizzjoni fuq il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ([5]) ssemmi restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, bil-għan, fost oħrajn, li ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-sigurtà tal-konsumatur.

(5) Id-Direttiva 94/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għall-14-il darba d-Direttiva 76/769/KEE ([6]) tistabbilixxi, f'sura ta' appendiċi ma' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE, lista li fiha sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2. Dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet li jkun fihom għandhom ikunu suġġetti għal restrizzjoni fuq il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali.

(6) Id-Direttiva 94/60/KE tistabbilixxi li, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta l-Unjoni Ewropea ta' adattament għall-progress tekniku ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE, li jelenka sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategorija 1 jew 2, il-Kummissjoni ser tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta għal Direttiva li tirregola dawn is-sustanzi klassifikati mill-ġdid, sabiex ikun aġġornat l-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE. Il-proposta mill-Kummissjoni ser tqies r-riskji u l-vantaġġi tas-sustanzi klassifikati mill-ġdid, u tad-disposizzjonijiet leġislattivi Komunitarji dwar l-analiżi tar-riskju.

([1]) ĠU Ċ 255, ta' l-14.10.2005, p. 33.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2005 (Għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2005.

([3]) ĠU L 271, tad-9.10.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 7).

([4]) ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, tat-30.4.2004, p. 1 bir-Rettifika pubblikata fil-ĠU L 216, tas-16.6.2004, p. 3).

([5]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/98/KE (ĠU L 305, ta' l-1.10.2004, p. 63).

([6]) ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 1.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004 li tadatta għall-progress tekniku għad-disgħa u għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE, u b'mod aktar partikolari l-Anness I tagħha, tinkludi 146 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala karċinoġeniċi kategorija 1, 21 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala karċinoġeniċi kategorija 2, 152 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala mutaġeniċi kategorija 2 u 24 daħla li fihom sustanzi klassifikati mill-ġdid bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 2.

(8) Id-Direttiva 2004/73/KE temenda wkoll in-noti dwar l-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar attribwita lil erbgħa sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi kategorija 1, 36 annotazzjoni li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala karċinoġeniċi kategorija 2, sitt annotazzjonijiet li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala mutaġeniċi kategorija 2, żewġ annotazzjonijiet li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 u tliet annotazzjonijiet li jkun fihom sustanzi klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 2. Il-listi fl-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE għandhom jiġu emendati hekk.

(9) Ir-riskji u l-vantaġġi tas-sustanzi, klassifikati mill-ġdid permezz tad-Direttiva 2004/73/KE, bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2 tqiesu, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sustanzi li ma kinux għadhom suġġetti għal restrizzjoni għall-użu f'sustanzi u preparazzjonijiet imqiegħda fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali (minħabba klassifikazzjoni li kellhom qabel). Din l-analiżi ikkonkludiet li dawn is-sustanzi klassifikati mill-ġdid jistgħu jiddaħlu fl-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE.

(10) Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-protezzjoni ta' ħaddiema msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([1]), u Direttivi individwali ibbażati fuqha, b'mod partikolari id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol ([2]).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu din id-Direttiva qabel l-24 ta' Frar 2007. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk il-miżuri u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn il-miżuri u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-24 ta' Awwissu 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar it-18 ta' Jannar 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | H. WINKLER |

---

([1]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

([2]) ĠU L 158, tat-30.4.2004, p. 50, bir-Rettifika ppubblikata fil-ĠU L 229, tad-29.6.2004, p. 23.

*ANNESS*

1. L-intestatura "Noti" tal-Prefazzjoni għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Jiġu mdaħħla n-noti li ġejjin:

"Nota A:

L-isem tas-sustanza jrid jidher fuq it-tikketta fil-forma ta' waħda mit-tismijiet mogħtija fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE (ara l-Artikolu 23(2)(a)).

Fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE, xi kultant tiġi użata deskrizzjoni ġenerali bħal '…komposti' jew '…imluħa'. F'dan il-każ, il-manifattur jew kwalunkwe persuna oħra li tqiegħed fis-suq din is-sustanza hi meħtieġa li tiddikjara fuq it-tikketta l-isem korrett, wara li jitqies b'mod xieraq il-kapitolu intitolat 'Nomenklatura' tal-Prefazju.

Id-Direttiva 67/548/KEE teħtieġ ukoll li s-simboli, indikazzjonijiet ta' periklu, frażijiet R- u S- li għandhom jintużaw għal kull sustanza għandhom ikunu dawk li jidhru fl-Anness I (Artikolu 23(2)(ċ), (d) u (e)).

Għal sustanzi li jappartjenu għall-grupp ta' sustanzi partikolari inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE, is-simboli, indikazzjonijiet ta' periklu, frażijiet R- u S- li għandhom jintużaw għal kull sustanza għandhom ikunu dawk li jidhru fl-annotazzjoni adegwata ta' dak l-Anness I.

Għal sustanzi li jappartjenu f'iktar minn grupp wieħed ta' sustanzi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE, is-simboli, indikazzjonijiet ta' periklu, frażijiet R- u S- li għandhom jintużaw għal kwalunkwe sustanza għandhom ikunu dawk li jidhru fiż-żewġ annotazzjonijiet adegwati mogħtija fl-Anness I. F'każijiet fejn żewġ klassifikazzjonijiet differenti huma mogħtija f'żewġ annotazzjonijiet għall-istess periklu, għandha tintuża l-klassifika li tirrifletti l-iktar periklu gravi."

"Nota D:

Ċerti sustanzi li huma suxxettibbli għal polimerizzazzjoni jew dekomposizzjoni spontanja huma ġeneralment imqiegħda fis-suq f'forma stabbilizzata. Hi f'din il-forma li ġew imniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE.

Madanakollu, dawn is-sustanzi huma xi kultant imqiegħda fis-suq f'forma mhux stabbilizzata. F'dan il-każ, il-manifattur jew kwalunkwe persuna li tqiegħed tali sustanza fis-suq trid tiddikjara fuq it-tikketta l-isem tas-sustanza segwita bil-kliem 'mhux stabbilizzata'."

"Nota E:

